

Paġna ewlenija>Drittijietek>Imputati (proċeduri kriminali)

Imputati (proċeduri kriminali)

Svezja

Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta persuna tkun issuspettata jew akkużata li wettqet xi delitt li jiġi ttrattat permezz ta' proċess quddiem il-qorti kriminali. Għal tagħrif dwar reati inqas serji, bħal reati tat-traffiku fit-triq, li normalment ikunu ttrattati permezz ta' penali fissa bħal multa, ara l-Iskeda Informattiva 5. Jekk inti vittma ta' xi delitt, tista' ssib tagħrif sħiħ dwar id-drittijiet tiegħek hawnhekk.

Sommarju tal-proċess kriminali

Dan li ġej huwa sommarju tal-istadji normali tal-proċess kriminali.

Delitt jiġi rrapportat lill-pulizija;

Il-pulizija jagħmlu l-investigazzjoni kriminali (investigazzjoni preliminari); fil-każ ta' delitti aktar serji l-investigazzjoni titmexxa mill-prosekutur;

Fil-parti l-kbira tal-każijiet hemm il-possibbiltà li tqabbd avukat difensur pubbliku;

Fil-każ ta' delitti aktar serji jew ripetuti l-prosekutur jista' jitlob lill-qorti li tinżamm taħt arrest. Imbagħad isir smiġh speċjali dwar l-arrest;

Il-prosekutur iressaq il-prosekuzzjoni fil-qorti distrettwali;

Il-qorti distrettwali tidba l-proċess (is-smiġh ewlieni) sabiex teżamina jekk hemmx provi li juru li inti wettaqt id-delitt u, jekk iva, sabiex tiddeċiedi dwar pjeni eċċ;

Jekk xi waħda mill-partijiet tappella, il-Qorti tal-Appell teżamina jekk is-sentenza tal-qorti distrettwali għandhiex tkun ikkonfermata jew mibdula;

F'xi każijiet is-sentenza tista' tkun riveduta wkoll mill-Qorti Suprema;

Is-sentenza ssir legalment eżegwibbli, jiġifieri finali, u s-sentenza tiġi eżegwita jekk kien hemm kundanna.

Id-dettalji dwar dawn l-istadji kollha fil-proċess u dwar id-drittijiet tiegħek jinsabu fl-iskedi informattivi. Din l-informazzjoni ma tissostitwixxi parir legali u hija maħsuba biex isservi biss ta' gwida. Jekk għandek bżonn xi għajnuna, dejjem ikkonsulta ma' avukat jew ma' xi espert ieħor sabiex tistabbilixxi x'japplika fis-sitwazzjoni speċifika tiegħek.

Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea

Jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda rwol fil-proċeduri kriminali fl-Istati Membri u ma tistax tgħinek jekk ikollok xi lment. F'dawn l-iskedi informattivi għandek issib l-informazzjoni dwar kif għandek tressaq ilment u lil min.

Iklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib l-informazzjoni li teħtieġ

1 – Kif tikseb parir legali

2 – Id-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni ta' delitt

l-interrogazzjoni

l-arrest

l-arrest preventiv

il-kontinwazzjoni tal-investigazzjoni tal-pulizija

it-tnejn tal-każ mid-difiża

il-prosekuzzjoni

3 – Id-drittijiet tiegħi waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali

4 – Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess quddiem il-qorti kriminali

5 – Reati tat-traffiku fit-triq

Links relatati

Il-Qrati Svediżi

L-Awtorità Svediża tal-Prosekuzzjoni

L-Assoċjazzjoni Svediża tal-Avukati

L-Awtorità ta' Kumpens u Appoġġ lill-Vittmi tad-Delitti

Is-Servizz Svediż tal-Ħabs u tal-Probation

L-aħħar aġġornament: 12/11/2015

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.